

- 2) CeramTec GmbH hija kkundannata li tbat i l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u ta' C5 Medical Werks.

⁽¹⁾ ĠU C 161, 22.5.2017.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-3 ta' Mejju 2018 – SB vs EUIPO

(Kawża T-200/17) ⁽¹⁾

“Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Kuntratt għal żmien determinat — Deċiżjoni ta’ nuqqas ta’ tiġid — Eċċeazzjoni ta’ illegalità — Obbligu ta’ motivazzjoni — Dmir ta’ premura — Diskriminazzjoni bbażata fuq l-letta”

(2018/C 221/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: SB (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Tóth u A. Lukošiūtė, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO tat-2 ta' Ġunju 2016 li tirrifjuta li jsir it-tieni tiġid tal-kuntratt tar-rikorrenti kif ukoll tad-deċiżjoni ta' dan id-direttur tad-19 ta' Diċembru 2016 li tiċċad l-ilment imressaq minnha.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) SB hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 178, 6.6.2017.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-3 ta' Mejju 2018 – Raise Conseil vs EUIPO – Raizers (RAISE)

(Kawża T-463/17) ⁽¹⁾

“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali RAISE — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001) — Karattru distintiv miksub bl-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 2017/1001) — Artikolu 52(1) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 59(1) u (2) tar-Regolament Nru 2017/1001”

(2018/C 221/28)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Raise Conseil (Pariġi, França) (rappreżentanti: F. Fajgenbaum u T. Lachacinski, avukati)